MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2004

Ċitazzjoni Numru. 1193/2003

**CREATIVE REFURBISHING CENTRE (MALTA) Ltd**

**vs**

**Simon BORG**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fl-10 ta' Novembru, 2003, li bih is-soċjeta' attriċi wara li ppremettiet:-

Illi l-konvenut huwa debitur versu s-soċjeta' attriċi fis-somma bilanċjali ta' (Lm8831.72) tmient elef tmien mija u wieħed u tletin lira maltin u tnejn u sebgħin ċenteżmu rappreżentanti prezz ta' bejgħ u nstallar ta' *shelving systems* mibjugħa u nstallati ġewwa The Food Store, Cassarino Street, Buġibba, mis-soċjeta' attriċi u fuq struzzjonijiet tal-istess konvenut, u dana skond dokument

datat 17 ta' Settembru 2003 hawn anness u mmarkat Dok. "AB1";

Illi minkejja li ġie interpellat diversi drabi sabiex iħallas il-konvenut baqa' inadempjenti;

Illi dan l-ammont huwa ċert, likwidu u dovut u għalhekk applikabbli l-artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u li fl-opinjoni tas-soċjeta' attriċi l-konvenut m'għandux eċċezzjonijiet validi skond il-liġi x'jagħti u oltre l-fatt illi s-soċjeta' attriċi tiddikjara li jaf lilu nnifsu bil-fatti kif fuq dikjarati;

Għalhekk  is-soċjeta' attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:

1. Tgħaddi biex tiddeċiedi l-kawża bid-dispensa tas-smigħ ai termini tal-artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili; u

2. Tikkundannah iħallas is-somma ta' (Lm8831.72) tmient elef tmien mija u wieħed u tletin lira maltin u tnejn u sebgħin ċenteżmu kollox kif intqal fuq u għar-raġunijeit fuq premessi;

Bl-isejjeż inklużi dawk tal-ittra legali datata 22 ta' Settembru 2003 u tal-Mandat ta' Qbid numru (sic) preżentat kontestwalment u bl-imgħaxijiet legali mid-data tal-ftehim relattiv ffirmat bejn il-partijiet, u ċioe', is-17 ta' Settembru 2003, sal-ħlas effettiv, kontra l-konvenut li jibqa' nġunt għas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-soċjeta' attriċi;

Rat illi ċ-ċitazzjoni ġiet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jippreżenta nota ta' eċċezzjonijiet u hekk baqa' kontumaċi;

Semgħet ix-xhieda tas-soċjeta' attriċi;

Semgħet l-Avukat tas-soċjeta' attriċi;

Eżaminat l-atti tal-kawża;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fiċ-ċitazzjoni tirriżulta pruvata;

Fil-kontumaċja tal-konvenut tiddeċiedi billi **tilqa' t-talba tas-soċjeta' attriċi** kif dedotta fiċ-ċitazzjoni bl-ispejjeż kontra l-konvenut.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------